KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 1 – L-ERBGĦA, 3 TA' LULJU 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fis-2.00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Guzman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 1.1 INTRODUZZJONI MILL-KUNSILLIER L-AKTAR ANZJAN

Il-Kunsillier Yvonne Bartolo, bħala l-aktar persuna anzjana fetħet din l-ewwel seduta tal-Kunsill bit-talba. Tat merħba lill-Kunsillieri għal din il-leġiżlatura l-ġdida u għaddiet għall-ewwel *item* fuq l-Agenda.

## 1.2 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' SINDKU

Dott. Dorian Sciberras kien mistoqsi jekk kienx sejjer jaċċetta l-kariga ta' Sindku. Wara li Dott. Sciberras ikkonferma l-aċċettazzjoni, ġie mistieden jaqra d-dikjarazzjoni tal-Aċċettazzjoni u jiffirmah.

(Doc. A anness)

## 1.3 ĠURAMENT TAL-ĦATRA TA' SINDKU

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Av. Anna Marie Mallia, li kienet preżenti għal din il-laqgħa stiednet lis-Sindku Dorian Sciberras jaqra d-dikjarazzjoni tal-Ġurament. Wara li qara d-dikjarazzjoni, Av. Anna Marie Mallia stieden lil Dott. Dorian Sciberras biex jaħlef u jbus is-salib u wara talbu jiffirma d-Dikjarazzjoni. F'dan il-mument, saret ċerimonja simbolika fejn is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu biex ilibbes l-insinja lis-Sindku.

(Doc. B anness)

## 1.4 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' VIĊI-SINDKU

L-istess proċess sar dwar l-aċċettazzjoni tal-Viċi Sindku. Il-Kunsillier Yvonne Bartolo ġiet mitluba jekk kenitx sejra taċċetta l-ħatra ta' Viċi-Sindku. Is-Sinjura Bartolo aċċettat din il-ħatra, u ġiet mistiedna taqra d-dikjarazzjoni u tiffirmah.

(Doc. C anness)

## 1.5 ĠURAMENT TAL-ĦATRA TAL-VIĊI-SINDKU

Imbagħad il-Kummissarju tal-Ġustizzja Av. Anna Marie Mallia stiednet lill-Kunsillier Yvonne Bartolo taqra d-dikjarazzjoni tal-Ġurament. Wara li qrat id-dikjarazzjoni, stiednet lis-Sna Bartolo biex taħlef u tbus is-salib u tiffirma d-dikjarazzjoni.

(Doc. D anness)

## 1.6 DISKORS MIS-SINDKU

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras għamel diskors tal-okkażjoni u awgura lill-Kunsillieri ġodda eletti ħidma fejjieda u kollettiva a favur ir-residenti ta' dan il-lokal.

## 1.7 PREŻENTAZZJONI MIS-SINDKU TAR-RESPONSABBILTAJIET ASSENJATI LILL-KUNSILLIERI

Kif jitlob Artiklu 33, is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ressaq il-lista tar-responsabbiltajiet biex jiġu assenjati lill-Kunsillieri kif elenkati fl-erbatax-il skeda.

Ir-reponsabbiltà tal-Familja, Persuni bi bżonnijiet speċjali u Anzjanità Attiva ġew assenjati lill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo;

Ir-responsabbiltajiet tal-Edukazzjoni, Sports, Żgħażagħ, u diġitaliżazzjoni u image tal-Kunsill ġew assenjati lill-Kunsillier Mario Fenech;

Ir-responsabbiltajiet tal-Kultura, il-Komunità, Il-Mara u l-Għaqdiet tal-Lokalità ġew assenjati lill-Kunsillier Mary Grace Guzman;

Ir-responsabbiltajiet tal-Qasam Soċjali, l-Indafa Pubblika, u l-Ħarsien tal-Annimali ġew assenjati lill-Kunsillier Matthew Fenech;

Ir-responsabbiltajiet dwar Finanzi, Proġetti, Infrastruttura, Relazzjonijiet Reġjonali, Relazzjonijiet Nazzjonali u dawk Internazzjonali, l-Ambjent, il-Komunità Kummerċjali, se jkunu taħt ir-responsabbiltà diretta tas-Sindku filwaqt li s-Sindku jkun qed jagħmel superviżjoni tad-dekasteri kollha;

Is-Sindku, wara li ta spjegazzjoni tad-diversi responsabbiltajiet, staqsa jekk kienx hemm xi domandi. Ir-responsabbiltajiet ġew approvati *nem con*.

## 1.8 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fit-3.15 pm u kien hemm qbil unanimu li s-seduta li jmiss tkun skedata għal nhar l-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2024 fil-5.00 pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |